

Brussell, 22 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14411/25

MI 820
COMPET 1060
CHIMIE 120
SAN 665
ENV 1089
IND 453

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'XXX li temenda l-Appendiċi A tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli, fir-rigward tal-kobalt

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument [...](2025) XXX draft - D 110270/1.

Mehmuż: [...](2025) XXX draft - D 110270/1



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
[...](2025) **XXX** draft

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'XXX

**li temenda l-Appendiċi A tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament
Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli, fir-rigward tal-kobalt**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

ta'XXX

li temenda l-Appendiċi A tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli, fir-rigward tal-kobalt

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 46(3) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2009/48/KE tistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għas-sustanzi li huma klassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni (CMR) skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill². Is-sustanzi CMR tal-kategoriji 1A, 1B jew 2 ma jistgħux jintużaw fil-ġugarelli, fil-komponenti tal-ġugarelli jew f'partijiet mikrostrutturalment distinti tal-ġugarelli, sakemm daww is-sustanzi ma jkunux f'konċentrazzjonijiet individwali daqs jew inqas mill-konċentrazzjonijiet rilevanti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 għall-klassifikazzjoni tat-taħlitiet li jkun fihom dawn is-sustanzi bħala CMRs, ma jkunux aċċessibbli għat-tfal jew l-użu tagħhom ikun ġie permess. Il-Kummissjoni tista' tippermetti l-użu ta' sustanzi CMR tal-kategoriji 1A, 1B jew 2 fil-ġugarelli jekk l-użu tas-sustanza jkun ġie evalwat mill-Kumitat Xjentifiku rilevanti u nstab li jkun sikur, b'mod partikolari fejn jidħol l-esponiment, li s-sustanza ma tkunx ipprojbata għall-użu fl-oġġetti għall-konsumaturi skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, u li appartg s-sustanzi CMR tal-kategoriji 1A u 1B m'hemm l-ebda sustanza jew taħlita alternattiva xierqa. Fl-Appendiċi A tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE hemm lista tas-sustanzi CMR u l-użijiet permessi tagħhom.
- (2) Fl-opinjoni tiegħu⁴ adottata fis-16 ta' Diċembru 2022 u kkoreġuta fid-9 ta' Marzu 2023, il-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji għas-Saħħa, l-Ambjent u Emerġenti ("SCHEER") identifika li l-kobalt jista' jkun preżenti fil-ġugarelli u fil-materjali tal-ġugarelli bħala impurità fin-nikil u fil-liġi li fihom in-nikil. Dawn il-materjali għandhom għadd ta'

¹ ĠU L 170, 30.6.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/48/oj>.

² Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj>).

³ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/2014-04-10>).

⁴ [SCHEER - Opinjoni Xjentifika dwar is-sikurezza tal-preżenza tal-kobalt fil-ġugarelli – il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/scp/scp_en).

applikazzjonijiet fil-ġugarelli inkluż l-użu ta' kisi bin-nikil, kisjiet elettrokonduttivi u f'liġi bħal fidda tan-nikil u azzar inossidabbli. Barra minn hekk, fl-istess opinjoni, ix-SCHEER identifika li l-kobalt jista' jiżdied intenzjonalment fil-ġugarelli, bħal pereżempju fil-każ ta' pigmenti jew koloranti bbażati fuq il-kobalt, metalli ibsin speċifiċi, batteriji u materjali għall-pinen 3D u għall-istampar 3D.

- (3) Il-kobalt, fil-forma metallika tiegħu, iżda anki diversi mluħa tal-kobalt, bħas-sulfat tal-kobalt, id-di(aċetat) tal-kobalt, id-dinitrat tal-kobalt, id-diklorur tal-kobalt u l-karbonat tal-kobalt, huma klassifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 bħala karċinoġeni tal-kategorija 1B, mutaġeni tal-kategorija 2 u tossiċi għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1B, fost klassijiet oħra ta' periklu. Il-klassifikazzjonijiet bdew japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2021 għall-kobalt metalliku u mill-1 ta' Diċembru 2019 għall-forom joniċi l-oħra tal-kobalt.
- (4) L-ogħla persentaġġ ta' kobalt bħala kontaminant tan-nikil ġie stmat mill-industrija tal-ġugarelli li jaqbeż bi ftit iż-0,1% fl-azzar inossidabbli u ż-0,3% fil-materjali metalliċi tal-ġugarelli maħsuba għall-konduzzjoni tal-kurrent elettriku li mhumex tal-azzar inossidabbli. Dan hu ogħla mill-konċentrazzjoni rilevanti għall-karċinoġeni tal-kategorija 1B prevista fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, ta' 0,1% skont it-Tabella 3.6.2 ta' dak ir-Regolament. Għaldaqstant, id-deroga relatata mill-projbizzjoni tas-sustanzi CMR fil-ġugarelli, stabbilita fil-Parti III, il-punt 4(a), tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE ma tistax tiġi applikata.
- (5) Barra minn hekk, il-kobalt fil-ġugarelli jista' jkun aċċessibbli għat-tfal waqt il-logħob, bħal meta jmissu materjali metalliċi tal-ġugarelli li jkun fihom il-kobalt metalliku jew meta jiġu f'kontatt ma' mluħa tal-kobalt li jkun hemm fil-pigmenti jew koloranti bħal f'kożmetiċi tat-tfal simili għat-trab. Għalhekk, lanqas id-deroga mill-projbizzjoni tas-sustanzi CMR fil-ġugarelli li tirreferi għall-inaċċessibbiltà, stabbilita fil-Parti III, il-punt 4(b), tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE, ma tista' tiġi applikata, sa fejn huma kkonċernati l-kobalt u l-imluħa tal-kobalt.
- (6) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tat mandat lix-SCHEER biex jevalwa l-użu tal-kobalt fil-ġugarelli, b'mod partikolari fid-dawl tal-esponiment, biex possibbilment tippermetti dawk l-użi fil-ġugarelli li kienu ġew evalwati bħala sikuri.
- (7) Fl-opinjoni tiegħu adottata fis-16 ta' Diċembru 2022, ix-SCHEER ikkunsidra 6 xenarji (ilkoll b'mod wieħed jew aktar ta' esponiment: inalazzjoni, orali u tal-ġilda) kif rilevanti għall-valutazzjoni tal-esponiment u possibbilment għall-identifikazzjoni ta' użi sikuri li għalihom tista' tingħata deroga.
- (8) Fix-xenarju 1 hemm inklużi metalli li fihom il-kobalt għall-konduzzjoni tal-kurrent elettriku. Fl-opinjoni tiegħu msemija hawn fuq, ix-SCHEER deherlu li r-riskju minħabba inalazzjoni tal-kobalt assoċjat mal-użu ta' metalli li fihom il-kobalt jista' jitqies negliġibbli, u għalhekk aktarx ma jkunx assoċjat ma' riskju akbar għat-tfal li jilagħbu b'ġugarelli bħal dawn. Din hija r-raġuni għalfejn il-preżenza tal-kobalt fil-metalli maħsuba għall-konduzzjoni tal-kurrent elettriku tista' titqies sikura waqt esponiment għall-inalazzjoni. Ix-SCHEER deherlu li l-esponiment dermal għall-kobalt jista' jitqies negliġibbli, fir-rigward tal-mudelli tal-linji ferrovjarji u l-mudelli tal-ġogi tal-linji ferrovjarji waqt il-logħob jew l-assemblaġġ. Ix-SCHEER jaqbel li mhu mistenni l-ebda esponiment orali dirett waqt l-użu maħsub ta' dawn il-prodotti għax hu improbabbli li l-partijiet tal-metall jinbelgħu minn dawn it-tipi ta' ġugarelli. Il-mess mal-ħalq ma jitqiesx ta' tħassib għall-grupp tal-età tal-utenti li aktarx jilagħbu bil-mudelli tal-linji ferrovjarji li jkollhom binarji tal-metall. It-twaqqigħ tal-biċċiet waqt il-mess mal-ħalq mhux rilevanti minħabba l-ebusija tal-materjal. Iżda jista' jkun hemm

rotta indiretta possibbli ta' esponiment permezz ta' inġestjoni tat-trab li jiġi mal-idejn jew li jaqa' fuq oġġetti fil-qrib, b'mod partikolari bil-kuntatt fost it-tfal bejn l-idejn u l-ħalq.

- (9) Fix-xenarju 2 metalli li fihom il-kobalt jaqdu funzjoni oħra apparti l-konduttanza elettrika bħal fil-każ ta' ġugarelli tal-metall, ġojjellerija tal-logħob, irdieden (fidget spinners) u kalamiti. Abbażi tal-esponiment negliġibbli mill-inalazzjoni relatat mal-użu ta' dawn il-ġugarelli, il-mogħdija tal-inalazzjoni għall-kobalt hija assoċjata ma' riskju negliġibbli; hekk ukoll l-esponiment għall-kobalt mir-rotta dermali għal dawn it-tipi ta' ġugarelli hu negliġibbli u aktarx li ma jkunx assoċjat ma' riskju akbar. Fir-rigward tal-esponiment orali, għalkemm hu l-aktar rilevanti fir-rigward tar-riskju ta' inġestjoni ta' ġugarelli metalliċi li fihom il-kobalt, minħabba lakuni fid-data, ix-SCHEER ma setax iwettaq valutazzjoni kwantitattiva tal-esponiment għal dawn il-ġugarelli kollha għax ġiet ipprovduta biss data għal ball bearing tal-azzar inossidabbli u għal kalamita tal-karozzi li jinstaqu fuq trakka b'xaqq.
- (10) Fir-rigward tal-ġugarelli tal-metall, l-analiżi tal-ball bearing tal-azzar inossidabbli ma tindirizzax kif xieraq is-sorsi kollha possibbli ta' esponiment orali minn ġugarelli metalliċi oħra li jaqgħu f'dan ix-xenarju. Iżda mill-valuri ta' referenza tossikoloġiċi disponibbli għall-esponiment orali, ix-SCHEER ikkalkula limiti tal-migrazzjoni ġodda għall-kobalt fil-ġugarelli. Fl-opinjoni tiegħu, ix-SCHEER jiddikjara li l-konformità ma' daww il-limiti tal-migrazzjoni jenħtieġ li tevita r-riskji assoċjati mal-esponiment orali. Peress li x-xenarju 2 ikopri l-ġugarelli u l-komponenti tal-ġugarelli magħmulin mill-azzar inossidabbli, l-użu tagħhom jenħtieġ li jkun permess.
- (11) Iżda minħabba l-inċertezzi rigward il-proprietajiet karċinoġeniċi tal-kobalt wara esponiment orali, ix-SCHEER irrakkomanda li l-limiti tal-migrazzjoni jitnaqqsu għall-inqas livelli teknikament possibbli.
- (12) Fir-rigward tal-kalamiti, l-analiżi straħet fuq id-data pprovduta għal kalamita tal-karozzi li jinstaqu fuq trakka b'xaqq. Ix-SCHEER jaqbel li l-esponiment għall-kobalt mir-rotta dermali għal kalamita tal-karozzi li jinstaqu fuq trakka b'xaqq hu negliġibbli u aktarx ma jkunx assoċjat ma' riskju akbar. Ix-SCHEER jidhirlu l-esponiment orali hu l-aktar wieħed rilevanti u jirrakkomanda analiżi tal-migrazzjoni għall-esponiment orali. Barra minn hekk, ix-SCHEER jirrakkomanda l-użu ta' kalamiti bbażati fuq in-neodimju ("kalamiti NdFeB") fil-ġugarelli bħala alternattiva għall-kalamiti tas-samarju-kobalt (SmCo).
- (13) Peress li l-kalamiti NdFeB fihom il-kobalt metalliku bi kwantitajiet li jaqbżu l-konċentrazzjoni rilevanti għall-karċinoġeni tal-kategorija 1B prevista fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, l-użu tagħhom ikun ipprojbit. Għalhekk, l-użu ta' tali kalamiti jenħtieġ li jkun permess meta daww il-kalamiti ma jkunx jistgħu jinbelgħu jew jinġibdu man-nifs, jiġifieri daww il-kalamiti, il-ġugarelli u l-komponenti tagħhom li fihom il-kalamiti li mhumiex partijiet żgħar skont l-istandard armonizzat rilevanti.
- (14) Fix-xenarju 3, il-kobalt jintuża fil-kożmetiċi tat-tfal. Ma teżisti l-ebda data jew ftit li xejn teżisti data dwar l-ammont ta' kobalt (bħala impurità jew parti minn kolorant) f'ġugarelli bħal dawn. Għalhekk, ix-SCHEER la seta' jipprovdri valutazzjoni kwantitattiva tal-esponiment fuq kampjun rappreżentattiv u lanqas ma seta' jikkonkludi dwar l-użi sikuri tal-kobalt li jenħtieġ li jkunu permessi skont id-Direttiva 2009/48/KE.
- (15) Fix-xenarju 4, il-kobalt jintuża fil-pinen 3D, fil-materjali għall-printers tal-logħob u fil-ġugarelli stampati. Ix-SCHEER ikkunsidra li jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika għall-esponiment għall-inalazzjoni waqt l-użu emerġenti ta' materjali li fihom il-kobalt

fil-pinen 3D u fil-printers 3D. Għalhekk, skont l-opinjoni tal-SCHEER, il-materjali li fihom il-kobalt jenħtieġ li jkunu evitati għall-istampar 3D. Għaldaqstant, ma jista' jiġi identifikat l-ebda użu sikur għall-materjali li fihom il-kobalt fil-pinen 3D u fil-printers 3D.

- (16) Fix-xenarju 5, il-kobalt jintuża fil-pitturi, fil-linka u fil-kisjiet użati għal ġugarelli, fil-ġibs u l-bombi tal-ġibs u fil-ġugarelli magħmulin mill-ġilda jew mit-tessuti. Ix-SCHEER jidhirlu li waqt il-valutazzjoni tal-esponiment tat-tfal għall-kobalt minn dawk il-ġugarelli, jenħtieġ li titqies l-possibbiltà ta' inġestjoni u ta' mess mal-ħalq. Iżda minħabba lakuni fid-data, ix-SCHEER ma setax iwettaq valutazzjoni kwantitattiva tal-esponiment. Jista' jiġi assoċjat riskju potenzjali għall-esponiment mill-inalazzjoni għall-kobalt mill-ġibs u l-bombi tal-ġibs kif ukoll minn materjali tal-ġugarelli simili għat-trab, li fihom pigmenti jew koloranti bbażati fuq il-kobalt tax-xenarju 5. Għal ġugarelli bħal dawn, ix-SCHEER irrakkomanda li jenħtieġ li jintużaw pigmenti mingħajr kobalt. Għaldaqstant, għal dan ix-xenarju, ix-SCHEER ma identifika l-ebda użu sikur li jenħtieġ li jkun permess skont id-Direttiva 2009/48/KE.
- (17) Fix-xenarju 6, il-kobalt jintuża fil-batteriji. Ix-SCHEER jidhirlu li l-esponiment għall-kobalt mill-batteriji ma jistax jiġi eskluż u li l-batteriji (speċjalment il-batteriji buttuna żgħira) huma sors realistiku għal esponiment possibbli għall-kobalt, għalkemm ma jista' jingħata l-ebda xenarju ta' esponiment kwantitattiv. Għalkemm ma kkonkludix speċifikament fuq xi użi sikuri li jenħtieġ li jkunu permessi skont id-Direttiva 2009/48/KE, fl-opinjoni tiegħu msemija hawn fuq, ix-SCHEER jirrikonoxxi li l-istandard armonizzat rilevanti li jappoġġa d-Direttiva 2009/48/KE jeżiġi li l-batteriji żgħira, jiġifieri batteriji li joqogħdu kollha kemm hu ġoċ-ċilindru tal-partijiet żgħira, kif speċifikat fil-punt 8.2 ta' EN 71-1:2014+A1:2018, ma jistgħux jitneħħew mingħajr l-għajnuna tal-għodda (EN IEC 62115:2020/A11:2020, il-klawżola 13.4.1).
- (18) Bħala konklużjoni, mill-opinjoni tax-SCHEER jidher li l-komponenti tal-ġugarelli tal-metall li fihom il-kobalt maħsubin għall-konduzzjoni tal-kurrent elettriku, jistgħu jiġu permessi bħala kimikament sikuri. Barra minn hekk, il-kobalt jista' jkun permess ukoll fil-ġugarelli u fil-komponenti tal-ġugarelli magħmulin mill-azzar inossidabbli u fil-kalamiti NdFeB użati fil-ġugarelli, jekk dawk il-kalamiti ma jkunux jistgħu jinbelgħu jew jinġibdu man-nifs.
- (19) L-analiżi tal-alternattivi mwettqa mill-industrija tal-ġugarelli skont il-Parti III, il-punt 4(c)(ii), tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE, tqieset mhux kompluta mix-SCHEER għax l-analiżi ma kinitx tkopri x-xenarji rilevanti kollha. Iżda fir-rigward tal-kobalt metalliku li jkun hemm fil-komponenti tal-metall tal-logħob maħsubin għall-konduzzjoni tal-kurrent elettriku, fil-ġugarelli u fil-komponenti tal-ġugarelli magħmulin mill-azzar inossidabbli, li fihom il-kobalt bħala impurità fin-nikil, u fil-kalamiti NdFeB, il-valutazzjoni kienet kompluta u ma identifika l-ebda sustanza jew taħlita alternattiva xierqa disponibbli.
- (20) F'konformità mal-Parti III, il-punti 4(c)(ii) u 5(c)(ii), tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE, l-użu tas-sustanzi CMR tal-kategoriji 1A, 1B u 2 ma jistax jiġi permess jekk is-sustanza tkun ipprojbata għall-użu fl-oġġetti għall-konsumaturi skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006. L-entrati 28 u 30 tal-Anness XVII ta' dak ir-Regolament jillimitaw biss l-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta', fost l-oħrajn, il-kobalt bħala sustanza jew fit-taħlitiet għall-forniment lill-pubbliku ġenerali, iżda mhux fl-oġġetti għall-konsumatur. L-entrata 75 tal-Anness XVII ta' dak ir-Regolament tillimita biss l-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta', fost l-oħrajn, il-kobalt fit-taħlitiet għat-tatwaġġi, iżda mhux fl-oġġetti għall-konsumaturi. L-entrata 3 tal-Anness XVII ta' dak ir-

Regolament tillimita biss l-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta' sustanzi likwidi, inkluż il-kobalt, fl-oġġetti ornamentali maħsubin biex jipproduċu effetti tad-dawl jew tal-kulur, maġija, ċajt, logħob għal parteċipant wieħed jew aktar, u oġġetti maħsuba biex jintużaw bħala logħob bħal dawn, kif ukoll l-introduzzjoni fis-suq ta' żjut tal-lampi u fjuwils tal-lajters tal-grill. Ir-restrizzjoni tal-entrata 3 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, minħabba li tapplika għall-kobalt fil-forma likwida, ma titqiesx li tammonta għal projbizzjoni tal-użu ta' dik is-sustanza fl-oġġetti għall-konsumaturi għall-fini ta' din id-deroga peress li l-azzar inossidabbli li jkun fih il-kobalt mhux mistenni jkun fil-forma likwida. Għalhekk, l-emenda għad-Direttiva 2009/48/KE, kif stabbilita f'din id-Direttiva, ma taffettwax l-applikazzjoni tal-entrata 3 għall-ġugarelli koperti b'dik l-entrata.

- (21) Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/48/KE jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (22) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 47 tad-Direttiva 2009/48/KE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Fl-Appendiċi A tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE, tiżdied ir-ringiela li ġejja:

"Kobalt	CMR 1B	Fil-ġugarelli u l-komponenti tal-ġugarelli magħmulin mill-azzar inossidabbli, bħala impurità fin-nikil li jinsab fl-azzar inossidabbli. Fil-komponenti tal-ġugarelli maħsuba għall-konduzzjoni tal-kurrent elettriku. Fil-kalamiti bbażati fuq in-neodimju użati fil-ġugarelli, jekk daww il-kalamiti ma jkunux jistgħu jinbelgħu jew jinġibdu man-nifs."
---------	--------	---

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard minn *[OP please insert here the date 6 months after publication in the OJ]*, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għal konformità ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' daww id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Għandhom japplikaw daww id-dispożizzjonijiet minn *[OP please insert here the date 7 months after publication in the OJ]*.

Meta l-Istati Membri jadottaw daww id-dispożizzjonijiet, fawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif trid issir dik ir-referenza.
2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jkunu adottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula von der Leyen